**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru: 527/17**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**KEITH FELICE**
**(ID: 422289M)**

**Illum, 25 ta' Novembru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **KEITH FELICE,** ta' 28 sena bin Martin u Mary nee' Abdilla, imwieled Pieta' fit-13 ta' Settembru 1989, bla indirizz, detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 422289M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Novembru 2017,

b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel li jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha' fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-detriment ta' l-Onorevoli Silvio Parnis u/jew ghas-socjeta' JB Stores ta' l-Iklin Road, Lija;

2. Ghamel qliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artiklu 308 tal-Kodici Kriminali ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-detriment tal-Onorevoli Silvio Parnis u/jew tas-socjeta' JB Stores ta' l-Iklin Road, Lija;

3. Approprja ruhu billi dawwar fi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn diversi oggetti tas-socjeta' JB Stores li kumplessivament huma stmati li jiswew aktar minn hamest elef ewro (€5,000), liema oggetti gew fdati jew ikkunsinnati lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu ta' radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat u dan ghad-detriment ta' l-Onorevoli Silvio Parnis u/jew ghas-socjeta' JB Stores ta' l-Iklin Road, Lija liema oggetti gew fdai lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju.

U b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D. datata 25 ta' Ottubru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment miltuba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejejz li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, mandat ta' arrest u tfittxija mmarkata Dok YF1, statement tal-imputat mmarkata Dok YF2, seizure note mmarkata Dok YF3, l-oggetti b'mod formali msemmija fid-dokument YF3 li gew immarkati bhala Dok YF4, kwerela u kopji tal-invoices relattivi immarkati Dok YF5 u kopja ta' termination letter mmarkata Dok YF6.

Semghet lill-imputat jiddikjara li hu indigenti u l-Qorti nnominat lil Dr Josette Sultana bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex tassisti lill-imputat.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2017 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk riedu, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kollha gew registrati fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-25 ta' Novembru 2017.

Il-Qorti rat illi l-istqarrija rilaxxata mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar il-25 ta' Novembru 2017 u rat li l-imputat ikkoopera bi shih mal-Prosekuzzjoni tant illi ammetta l-partecipazzjoni tieghu f'dan ir-reat billi ta d-dettalji kollha li wasslu lill-Prosekuzzjoni biex issolvi dan il-kaz fi zmien daqstant qasir.

Rat ukoll illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' moghtija lilu u ghalhekk ghen sabiex ma jinhelix hin u spejjez pubblici ghal xejn.

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa ghandu problema ta' abbuz ta' droga u li effettivament illum il-gurnata tkecca mid-dar u m'ghandux residenza fissa.

Qieset ukoll l-ammont monetarju involut f'dan il-kaz bhala rizultat ta' dawn il-frodi u misapproprjazzjoni u cioe' li l-ammont qua danni li sofriet is-socjeta' JB Stores kien fl-ammont ta' €6,981.50 kif konfermat minnu stess fl-istqarrija.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi fejn l-imputat kien moghti l-fiducja mill-Onor. Segretarju Parlamentari Silvio Parnis fejn sahansitra impjegah fis-segretarjat tieghu, u tali fiducja giet abbuzata b'mod serju, il-Qorti thoss li l-piena idonea hija dik ta' prigunerija effettiva, pero' lejn il-minimu taghha minhabba l-ammissjoni bikrija tieghu.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli Artikoli 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat KEITH FELICE hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett snin prigunerija effettivi.**

*Illum, 25 ta' Novembru 2017* *Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.*

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lill-imputat jindirizza l-problema tieghu ta' droga.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gew nominati l-ebda esperti f'din il-kawza.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**